STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA

---

L-Għaqda tal-Malti – Università se tkun preżenti għall-ewwel darba fuq il-kampus tal-Università waqt 'Freshers' Week 2012'. L-Għaqda se jkollha l-ispazju tagħha fuq stand numru 47 li se jieħu l-ħajja b'diversi attivitajiet li ser ikunu organizzati bejn l-ewwelu l-ħamsa ta' Ottubru mid-disgħa ta' filgħodu 'l quddiem.

F'dan l-ispazju se jkunu esebiti ħwejjeġ ta' valur għall-Għaqda u parti mill-wirt tagħna l-Maltin bħal ritratti antiki ta' Rużar Briffa u Ġużè Bonnici, il-fundaturi tal-Għaqda, u għażla ta' kotba antiki ta' *Leħen il-Malti*, ir-rivista tal-Għaqda li ftit xhur oħra se toħroġ edizzjoni oħra tagħha.

Fl-istand stess ser ikunu qed jintwerew diversi filmati dwar l-Għaqda minbarra li jinstemgħu programmi li kienet preżenti fihom l-Għaqda dan l-aħħar. Minbarra li jiltaqgħu mal-membri tal-Kumitat u membri oħra tal-Għaqda dawk li jiġu fuq stand numru 47 se jkollhom iċ-ċans jissieħbufl-Għaqda, iġeddu t-tessera u jixtru diversi kotba bil-Malti, kemm dawk maħruġa mill-Għaqda u anke kotba oħra bil-Malti. Ser ikunu qed jintrebħu għadd kbir ta' premjijiet bħal kotba u vawċers.

Il-preżenza tal-Għaqda fuq il-Kampus għandha tkompli tissaħħaħ bil-preżenza ta' diversi kittieba li se jkunu magħna matul il-ġimgħa kollha f'ħinijiet differenti sabiex jitkellmu mal-pubbliku, iwieġbu għal xi mistoqsijiet, jitħaddtu dwar l-esperjenza tagħhom fl-Għaqda u kif ukoll jiffirmaw xi kotba. Fost il-kittieba nsibu lil Rita Saliba, Trevor Żahra, Immanuel Mifsud, Maurice Mifsud Bonnici, Adrian Grima u Pierre J Meilak.

Għal aktar informazzjoni wieħed għandu jidħol fis-sit tal-Għaqda www.ghaqdatalmalti.webnode.com fit-taqsima 'Aħbarijiet' u fuq Facebook fil-paġna Għaqda tal-Malti Università li qed tiġi aġġornata minn ħin għal ħin.